MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru. 181/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**v**

**Mohamed Ali Aboktif ta' 32 sena**
**iben Ali u Lutifa nee Mohammed,**
**imwieled 12 ta' Dicembru, 1972, Tripoli**
**u residenti Flat 1, St. Anne Apartments, Triq Ball,**
**San Giljan, numru tal-passaport 969447**

**Abdulaziz Elmehdi Elgrari ta' 23 sena**
**Iben Elmehdi u Nuwara nee Shulak, imwieled**
**26 ta' Ottubru, 1982, Tripoli, u residenti**
**Room 108, Hotel San Gorg, Triq Ball,**
**San Giljan, numru tal-passaport Libjan**
**051899**

**Khayris Abugdidi ta' 27 sena, iben Said u**
**Hesna nee Zinna, imwieled 8, ta' Mejju, 1979,**

**Tripoli u residenti Room 303, Hotel San Gorg, Triq Ball, San Giljan, numru tal-passaport Libjan 958883**

**Rami Alzibidi, ta’ 17-il sena iben Mohamed u Fusija nee Mejdub, imwieled fid-19 ta’ Ottubru, 1986, Zliten, residenti Flat 1, St Anne Flat, Ball Street, St Julians, numru tal-passaport LIjban 10288**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Mohamed Ali Aboktif, Abdulaziz Elmehdi Elgrari, Khayris Abugdidi u Rami Alzbidi li gew akkuzati talli f’dawn il-gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Frar, 2005 gewwa l-fond Flat 1, St Anne Flats, Triq Ball, San Giljan:

1. Ikkommettew attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Rano Kamalova, liema delitt huwa aggravate billi waqt l-ezekuzzjoni tad-delitt, kienu mghejjuna minn persuna wahda jew izjed u kif ukoll ghamlu uzu minn arma regolari u kif ukoll billi saret offiza fuq l-istess persuna ta’ Rano Kamalova, u dan bi ksur ta’ Artikoli 207 u 202 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur ta’ artikolu 209 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Rano Kamalova, kontra l-volonta’ taghha u taw il-post biex fih din l-istess persuna u cioe Rano Kamalova, tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt huwa aggravate billi l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata u cioe Rano Kamalova giet offiza fuq il-persuna taghha u kif ukoll billi d-delitt sar bhala mezz biex Rano Kamalova giet

imgieghla taghmel xihaga jew toqghod ghal xihaga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur ta’ Artikoli 86 u 87 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew mod iehor u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(m) ta’ Kap tal-Ligijiet ta’ Malta,

6. Il-ko-imputati Mohamed Ali Aboktif u Rami Alzbidi wahedhom akkuzati aktar talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rano Kamalova dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet a’ Malta,

7. Il-ko-imputat Mohamed Aboktif wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-surgent PS 69 Jesmond Cremona, PC 1228 Edward Zammit u PC 210 S. La Grasta inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli kellu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

Il-ko-imputat Mohamed Aboktif wahdu akkuzat aktar talli f’dawn il-gzejjer nhar is-27 ta’ Frar, 2004 u x-xhur ta’ qabel, gewwa San Giljan u bnadi ohra, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi:

9. Iffalsifika, biddel, jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uza jew kellu ghandu passaport, li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, u cioe l-passaport Libjan bin-numru 969447 u dan bi ksur ta’ Artikolu 5 ta’ Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. Iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra fuq passaport Libjan bin-numru 969447 li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw, jew

jiccertifikaw f'isem tal-Gvern jew tal-awtorita' tieghu, dokumenti jew oggetti u dan bi ksur ta' artikolu 172 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli timbre jew marki fuq il-passaport Libjan bin-numru 969447 u dan bi ksur ta' Artikolu 173 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor iffalsifikat u cioe passaport bin-numru 969447 u dan bi ksur ta' artikoli 188 u 189 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat illi fid-29 ta' Dicembru, 2005 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju u l-Qorti laqghet it-talba u ghalhekk din is-sentenza hi **BISS** fil-konfront ta' **Khayris Abugdidi.**

Ikkonsidrat

Illi a priori tista' tghid li ftit ingabu provi f'din il-kawza u frankament tistrieh primarjament fuq ix-xhieda ta' Rano Kamalova, l-istqarrija ta' l-imputat kif inhu drittu ghazel li ma jixhidx, u ta' PC 1228 Edward Zammit.

Illi Rano xehdet kif hi gie imgieghla tidhol gol-flat ta' certu Mohammed, mill-istess Mohammed u Ramis. Hawn gol-flat rat zewgt irgiel ohra wiehed minnhom li hi ssejjah il-Kolombjan li gharfet bhala l-akkuzat prezenti fl-awla.

Tghid Rano illi waqt li hi kienet qed tigi mizmuma fil-kamra tas-sodda minn Mohammed, dan il-Kolombjan beda jidhol fil-kamra u ta lis-sekwestratur taghha Mohammed oggett li hi ddeskrivietu bhala “shaver” (a fol 109). Tghid li matul il-hin li hi kienet qed tigi aggredita minn Mohammed l-ohrajn li kienu fil-kamra ta’ barra, allura nkluz il-Kololmbjan, semghethom jghidu l-kliem “fuck her and lots of these things” ( a fol 109).

Dwar l-atteggjament ta’ l-akkuzat tghid “He was very drunk and he always came to the bedroom to give him (Mohammed) something … shaver” (a fol 111).

Il-prezenza tal-akkuzat fil-flat fejn giet aggredita Rano hija ben pruvata mix-xhieda ta’ PC 1228 Edward Zammit li kien car fil-fatt li hu ra lill-akkuzat fil-flat fejn sehh l-allegat reat. Jghid ukoll li ghalkemm hu ndika lill-akkuzat biex jistenna go l-appartament waqt li kien qed jassisti lil Rano, l-akkuzat qabad u telaq mill-post.

Min-naha l-ohra PC 69 Jesmond Cremona jghid li hu wasal fuq il-post wara li l-incident gia kien ghadda u li ra lill-imputat fuq il-post pero’ gie mizmum mill-Pulizija.

Min-naha tieghu l-akkuzat jinnega li hu jaf lil Rano Kamalova jew lil wiehed mit-tliet irgiel l-ohra kompartecipi f’din l-akkuza. Anzi jzid li lill-koakkuzati (din il-kawza originarjament bdiet b’erba’ akkuzati) lanqas biss kien jafhom. Jghid anzi li hu l-ewwel kien il-Bamboo Bar u wara qaghad jimxi fit-toroq. Jinnega ghal kollox l-involviment tieghu fl-akkuzi in dizamina.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti hija tal-fehma u ma tara ebda raguni valida ghala m’ghandhiex temmen il-verzjoni ta’ Rano Kamalova u l-kuntistabbli l-ohra, gia msemmija, dwar il-prezenza ta’ l-akkuzat fl-appartament fejn saret l-aggressjoni.

Ghall-istess raguni temmen ukoll il-verzjoni tal-fatti li tat l-istess Rano dwar l-incident dan nonostante ghall-fatt li

kien l-istess akkuzat li wara li telaq minn fuq il-post tar-reat minn jeddu mar l-ghassa.

Illi tenut dana premess stante li hu kien ghal kollox kompartecipi fl-aggressjoni li saret fuq il-persuna ta' Rano billi kjarament wera "common design" ma' l-aggressjuri principali taghha

(a) billi sahansitra provda "shaver" biex tigi aggredita biha

(b) billi nstiga verbalment lil Mohammed f'din l-aggressjoni fuq Rano

Issibu hati ta' l-ewwel akkuza u dan ai terminu ta' l-artikoli 41, 202 u 207 tal-Kapitlu 9 u tat-tielet akkuza wara li rat l-artikoli 86 u 87 ta' l-istess Kapitlu u tikkundannah anke wara li rat il-fedina penali tieghu, rat ukoll l-artiklu 31 u 17, 18 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hmistax-il xahar (15).

Tillberah mit-tieni, raba', hames akkuzi lilu addebitati in kwantu ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------